**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 18 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru 1/2017**

**Petra Thamm**
**Vs**
**Ministeru ghall-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Petra Thamm** ipprezentat fl-4 ta' Awissu 2017 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi fl-1 ta' Marzu 2017 l-esponenti ikkwalifikat sabiex tapplika ghall-ezenzjoni tal-vettura taghha tad-ditta "Smart" mudell "Fortwo grandstyle edition mnd a" bin-numru ta' registrazzjoni tar-Renju Unit "LN14 HVP".*

*Illi ftit jiem wara u cioe fl-ewwel gimgha ta' Marzu, l-esponenti flimkien ma' zewgha marru sabiex jirregistraw u japplikaw ghall-ezenzjoni ta' din il-vettura u jirregistraw vettura ohra propjeta taghhom.*

*Illi l-esponent giet infurmata minn certu Josef Schembri, impjegat gewwa l-ufficcju tal-Awtorita dwar it-Trasport f' Malta tar-Rabat, Ghawdex li l-vettura riedet tigi spezzjonata minn ufficcjali tal-Awtorita ghat-Trasport f' Malta u li tali spezzjonijiet isiru b' mod irregolari kull ftit*

*gimghat. Hija giet infurmata li kien hemm bzonn ta' polza ta' assigurazzjoni Maltija flimkien ma`e-Residency Number.*

*Illi fis-16 ta' Marzu 2017 l-esponenti marret flimkien ma zewgha ghand is-Sur Schembri fejn hija taghtu l-e-Residency Number u pproduciet assigurazzjoni mahruga minn kumpanija Maltija.*

*Illi xi jiem wara l-esponenti irceviet telefonata mill-Awtorita dwar it-Trasport fejn giet infurmata li l-ispezzjoni kienet sejra ssir nhar it-28 ta' Marzu 2017 gewwa l-parkegg ta' hdejn il-heliport, limiti tax-Xewkija, Ghawdex.*

*Illi fit-28 ta' Marzu 2018 l-esponenti attendiet ghall-ispezzjoni fejn prezenti kien hemm l-impjegat sureferit. Meta l-ispezzjoni giet konkluza hija giet mitluba minn dan l-impjegat sabiex tattendi l-ufficcju tar-Rabat xi darba l-gimgha ta' wara basta mhux nhar ta' Tnejn.*

*Illi l-esponenti imxiet mal-istruzzjonijiet moghtija u procediet tattendi l-ufficcju tal-Awtorita fl-4 ta' April 2017.*

*Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Lulju 2017, l-esponenti giet infurmata li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni giet michuda a bazi tar-Regolament 4 (3)(e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 u dana peress li skond l-appell l-applikazzjoni ma saritx fi zmien stipulat ta' tletin (30) jum.*

*Illi l-esponent hasset ruhha aggravata b' din id-decizjoni u ghalhekk qieghda tinterponi dan l-umili appell minn tali decizjoni quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti fil-fatt applikat fil-perijodu stipulat mill-ligi u cioe entro t-tletin jum mid-data li fiha kienet elegibbli li tapplika ghall-ezenzjoni.*
2. *Illi l-appellat iqis id-data tal-applikazzjoni bhala dik tal-4 ta' April 2017 – id-data imnizzla fil-formularju tal-applikazzjoni. L-esponent tishaq illi dan huwa skorrett u dana peress li d-data imnizzla mhix effettivament id-data li*

*fiha hija applikat izda hija biss id-data li fija hija ssottomettiet l-formularju komplut tal-applikazzjoni.*

3. *Illi l-esponent applikat l-ewwel darba fl-ewwel gimgha ta' Marzu 2017 u cioe fil-gurnata meta hija marret flimkien ma zewgha sabiex jirregistraw iz-zewg vetturi taghhom. Sussegwentement ghal din il-vista hija inghatat appuntament ghal l-ispezzjoni ghat-28 ta' Marzu 2017 u kien biss fuq struzzjonijiet tal-impjegat koncernat li l-esponenti attendiet fl-ufficcju tal-Awtorita dwar it-Trasport fl-4 ta' April 2017.*
4. *Illi di piu mhuwiex gust li l-Awtorita toffri servizz differenti minn dak offrut gewwa Malta fejn l-ispezzjonijiet isiru b' mod irregolari kull ftit gimghat minflok kulljum bhalma jsir gewwa l-gzira ta' Malta. L-appellanti giet ukoll pregudikata bin-nuqqasijiet tal-Awtoritajiet koncernati stante li hija kellha tistenna diversi gimghat sabiex ikun jista jsiriha l-ispezzjoni fil-vettura taghha.*
5. *Fil-fehma tal-esponenti r-rekwiziti impostI mill-ligi gew sodisfatti u ghaldaqstant it-talba ghall-ezenzjoni tal-vettura tal-appellanti ghandha tintlaqa.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti filwaqt li tirrizerva li tipprezenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost, titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jghogbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Ministeru tal-Finanzi fl-ittra datata 28 ta' Lulju 2017 fejn l-istess Ministeru cahad it-talba ghall-ezenzzjoni mressqa mill-appellanti u minflokk jaghti l-ezenzjoni hekk mitluba stante li r-rekwiziti stabbiliti fir-regolamenti koncernati jinsabu pienament sodisfatti.*

*Bl-ispejjez kontra l-Ministeru tal-Finanzi appellat."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** pprezentata fl-21 ta' Awissu 2017 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

1. *Illi fil-mertu l-esponent jecepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfodati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors ;*

2. *Illi t-Transfer of Residence Exemption board ta' d-decizjoni ta' rifjut datat 28 ta' Lulju 2017 (vide Dok TP 1) fuq id-dettalji moghtija mill-applikant fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa u d-dokumentazzjoni li rcieva hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'MFN 1' ;*
3. *Illi l-esponent jirrileva illi kien hemm ragunijiet validi skont il-ligi li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' rifjut ghall-ezenzjoni tat-taxxa ai termini tar-**Regolament 4 (3) (E) u (F) tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013**, fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi sabiex il-vettura tkun tista tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-sub-artikolu 1 "**meta l-persuna tkun ittrasferit ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun diga waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferit ir-residenza taghha f' Malta; u (f) meta l-persuna tkun ittrasferit ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun ghadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal Malta."***
4. *Illi jirrizulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni tal-vettura, datata 4 ta' April 2017 u li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MFN 1, li l-vettura tal-marka SMART bin-numru tar-registrazzjoni barrani 'LN14 HVP' waslet f' Malta fl-1 ta' Marzu 2017 ;*
5. *Illi jirrizulta mid-dikjarazzjoni tar-rikorrent stess fl-applikazzjoni li d-data tat-trasferiment tar-residenza taghha f' Malta sehhet fl-ewwel (1) ta' Marzu 2017 ;*
6. *Illi ghaldaqstant l-esponent jirrileva illi gialadarba l-applikazzjoni dahlet fl-4 ta' April 2017, kemm il-paragrafu E u F tar-Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013 ma gewx sodisfatti stante li kienu ghaddew it-tletin gurnata previsti mir-regolament surreferit l-esponent ma kellu ebda triq ohra ghajr li jiehu d-decizjoni ta' rifjut hekk kif imfissra fl-ittra datata 28 ta' Lulju 2017 (vide Dok TP 1 ;*
7. *Illi ghalkemm l-applikant isemmi data gdida ghall-applikazzjoni mertu ta' din il-kawza u cioe fl-ewwel gimgha ta' Marzu 2017 din ma tidher imkien fl-applikazzjoni sottomessa mill-applikant u li fuqha kellu jiehu d-decizjoni t-Transfer of Residence Exemption Board ;*
8. *Illi di piu l-esponent jirrileva illi abbazi ta' ittra datata (Dok MFN 2) 5 ta' April 2017 l-awtorita koncernata ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni ossia Transport Malta irceviet*

*l-applikazzjoni bejn il-gurnata tal-4 ta' April 2017 u il-gurnata tal-5 ta' April 2017 u dan kollu seta jindika biss illi l-kriterju tat-tletin gurnata hekk kif spjegat fl-eccezzjonijiet precedenti ma giex sodisfatt ;*

9. *Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmija Regolament 4 tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013 ;*
10. *Illi ghaldaqstant id-decizjoni ta' rifjut hekk kif imfissra fl-ittra datata 28 ta' Lulju 2017 (vide Dok TP 1) mehuda mill-esponent kienet wahda korretta ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jichad it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur, bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Sema' lir-rikorrenti, lil Andy Thamm, Josef Schembri u lil Francis Attard;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pprocediet b'dan ir-rikors peress li hassitha aggravata b'decizjoni tal-Ministeru intimat datata 28 ta' Lulju 2017 liema decizjoni giet esebita bhala Dok TP1 a fol. 4 tal-process u li kienet tghid, *inter alia*, is-segwenti:

*"Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta" and under rule 4(3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in*

*Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta".*

Illi l-aggravju principali tar-rikorrenti hu illi hija fil-fatt applikat entro l-perjodu rikjest mil-ligi.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija u zewgha waslu hawn Malta fil-bidu ta' Marzu 2017 u li qabe waslu Malta, jew ahjar Ghawdex, ir-ragel taghha informa ruhu kif setghu jirregistraw irwiehhom u l-vetturi taghhom hawn Malta. Ghalhekk huma marru fl-ufficju ta' Transport Malta gewwa Ghawdex u kellmu lil certu Josef Schembri li infurmahom li qabel jigu registrati l-vetturi riedu jigu assikurati. Ghalhekk huma ghamlu l-assikurazzjoni rikjesta u regghu marru ghand is-Sur Schembri li da parti tieghu qalilhom li riedet issir spezzjoni fuq l-istess vetturi. Nel frattemp huma kienu wkoll applikaw ghall-*e-residency*. Fit-28 ta' Marzu 2017 saret l-ispezzjoni u dakinhar stess staqsew lis-Sur Schembri setghux jissottomettu l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni pero` hu spjegalhom biex imorru t-Tlieta tal-gimgha ta' wara. Ghalhekk fid-data indikata mis-Sur Schembri huma marru u ssottomettew l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni. Sussegwentement ircevew l-*e residency card*.

**Andy Thamm** stqarr illi huwa jigi r-ragel tar-rikorrenti. Jghid li mir-ricerka li ghamel qabel waslu hawn Malta sar jaf illi wahda mill-vetturi li kellhom kienet intitolata li tigi ezentata mit-taxxa u ghalhekk fl-ewwel gimgha li waslu Malta marru l-ufficju ta' Transport Malta gewwa Ghawdex pero` gew mgharrfa illi l-applikazzjoni ma setghetx tipprocedi qabel ma ssir spezzjoni tal-vettura, jkollhom polza ta' assikurazzjoni u l-*e-residency number*. Fil-fatt fit-13 ta' Marzu 2017 huma rcevew l-*e-residency number* u fil-15 ta' Marzu 2017 kellom f'idejhom il-polza ta' assikurazzjoni. Ghalhekk regghu marru fl-ufficini ta' Transport Malta fejn gew infurmati li kienu se jigu kkuntattjati biex issir l-ispezzjoni fuq il-vettura, liema spezzjoni eventwalment saret fit-28 ta' Marzu 2017. Fl-istess gurnata li saret l-ispezzjoni, huma staqsew lill-ufficjal ta' Transport Malta meta setghu jissottomettu l-applikazzjoni taghhom ghall-ezenzjoni u gew infurmati biex imorru l-ufficini t-Tlieta tal-gimgha ta' wara, 4 ta' April 2017. Ghalhekk fl-4 ta' April 2017 huma sottomettew l-

applikazzjoni ghall-ezenzjoni. Madankollu fit-28 ta' Lulju 2017 huma rcevew ir-rifjut tal-Bord mertu ta' dan l-appell. Illi x-xhud spjega illi huma jhossuhom aggravati peress illi ghamlu dak kollu possibbli biex japplikaw ghall-ezenzjoni malajr kemm jista' jkun malli waslu Malta.

**Frans Attard**, *Chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board*, spjega li r-rikorrenti fl-applikazzjoni taghha iddikjarat illi hija kienet hadet ir-residenza ordinarja taghha hawn Malta fl-1 ta' Marzu 2017, f'liema gurnata waslet ukoll il-vettura in kwisjtoni. Jispjega li peress li r-rikorrenti applikat ghall-ezenzjoni fl-4 ta' April 2017 kien lahaq ghadda t-terminu ta' tletin gurnata minn meta hija setghet tapplika. Jispjega li l-Bord cahad l-applikazzjoni wkoll abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

**Josef Schembri,** ufficjal inkarigat mid-Dipartiment tal-Licenzji gewwa Ghawdex, spjega illi fl-ewwel granet ta' Marzu 2017 ir-rikorrenti u zewgha kienu marru gewwa l-ufficini ta' Transport Malta gewwa Ghawdex u hu kien spjegalhom illi biex japplikaw huma kellhom bzonn Karta ta' l-Identita Maltija. Ghalhekk wara li rcevew l-istess Karta tal-Identita` huma regghu marru ghandu u eventwalment saret spezzjoni tal-vetturi lejn l-ahhar ta' Marzu 2017. Sussegwentement saret l-applikazjoni *de quo* fl-4 ta' April 2017. Jispjega li din kienet l-ewwel applikazzjoni tax-xorta taghha li kien ircieva minn meta kien inkarigat fi hdan l-ufficju ta' Transport Malta. Jispjega wkoll illi huwa ma nghata l-ebda *hand over* mill-persuna li kien hemm responsabbli qablu. Jghid li bhala struzzjonijiet li kellu kien li l-ufficju ta' Transport Malta jilqa' l-applikazzjonijiet u jghaddi kollox lill-Ministeru tal-Finanzi. Jispjega in oltre li skond hu l-*e-residency permit* hija essenzjali biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-provi kollha migjuba quddiemu, se jghaddi biex jinvesti l-mertu tal-appell. Illi fid-decizjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") ibbaza r-rifjut tieghu fuq Regolament 4 (3) (e) u (f).

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti waslet Malta fl-1 ta' Marzu 2017, f'liema data ttrasferiet ukoll ir-residenza taghha;
2. Illi l-vettura waslet ukoll fl-1 ta' Marzu 2017;
3. Illi hija rceviet il-permess ta' residenza fit-13 ta' Marzu 2017;
4. Illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni giet sottomessa fl-4 ta' April 2017.

Illi r-Regolamenti 4 (3) (e) u (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 jorbtu t-terminu *entro* meta trid tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mal-wasla tal-vettura f'Malta u meta l-applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta. Issa f'dan il-kaz ir-rikorrenti ttrasferiet ir-residenza taghha ghal hawn Malta fl-istess gurnata li waslet il-vettura, u cioe` fl-1 ta' Marzu 2017. Ghalhekk hija kellha tletin (30) gurnata minn dakinhar biex tissottometti l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni. Jirrizulta car illi r-rikorrenti kienet zgwidata dwar ir-rekwiziti li kellha bzonn biex hija tapplika ghall-ezenzjoni, principalment dwar il-bzonn li jkollha f'idejha l-*e residency card*. Iktar minn hekk meta fit-28 ta' Marzu 2017, u cioe` fid-data li fiha saret l-ispezzjoni tal-vettura *de quo* da parti ta' ufficjali ta' Transport Malta, hija uriet ix-xewqa li dakinhar stess tapplika ghall-ezenzjoni hija giet diretta biex tirraporta gewwa l-ufficini ta' Transport Malta xi jiem wara. Dan kollu ppregudika serjament il-posizzjoni tar-rikorrenti.

Illi madankollu dan ma jikkancellax il-fatt illi l-applikazzjoni giet sottomessa xi ftit jiem wara li skada t-terminu tat-tletin (30) gurnata. Jerga' jigi ribadit li ta' dan m'ghandhiex htija r-rikorrenti ghaliex li kieku hija thalliet tapplika meta saret l-ispezzjoni, kif del resto talbet, hija kienet tkun entro t-terminu.

Nonostante dan, it-Tribunal ma jistghax ikun soggettiv fid-decizjoni tieghu u jrid tasattivament jimxi ma' dak li tghid il-ligi, **pero' jishaq bil-qawwa kollha illi trid tinghata direzzjoni cara lill-ufficjali li jilqghu dawn it-tip ta' applikazzjonijiet dwar il-kriterji ta' eligibilita` u dwar dak li hu rikjest minn applikant biex jissottometti l-**

**applikazzjoni tieghu. Illi dan it-Tribunal iddecieda bosta kawzi simili ghal dik odjerna fejn applikanti jigu indotti fi zbalji mill-istess amministrazzjoni bil-konsegwenza li japplikaw tard u jitilfu l-ezenzjoni. Din hi xi haga li ma thalli toghma xejn tajba ma' min ikun ghazel li jitrasferixxi r-residenza tieghu hawn Malta. Ghalhekk it-Tribunal jerga' jistieden lil min hu koncernat biex jaghti linji gwida cari biex tali kazijiet ma jigux ripetuti.**

Illi pero` in kwantu l-Bord cahad ukoll l-applikazzjoni ai termini tar-Regolament 4 (3) (f), l-istess Regolament ma kienx applikabbli ghall-kaz in ezami siccome` l-vettura waslet mar-rikorrenti. Ic-citat Regolament jahseb ghal sitwazzjonijiet l-applikant ikun ha r-residenza tieghu hawn Malta u l-vettura tieghu tkun ghadha ma waslitx hawn Malta. Dan certament ma kienx il-kaz.

Illi maghdud dan kollu, pero`, dan it-Tribunal ma jista' jaghmel xejn hlief li jichad l-appell tar-rikorrenti. Il-poteri tat-Tribunal huma dawk biss li jirrevedi jekk id-decizjoni li ttiehdet fir-rigward tal-applikant kinitx legalment u fattwalment korretta jew le abbazi tal-informazzjoni supplita fl-applikazzjoni sottomessa. Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-istess decizjoni kienet wahda korretta. **Pero` in vista li t-tardivita` tal-applikazzjoni odjerna kien dovut ghal direttivi zbaljati ta' ufficjali governattivi, it-Tribunal jistieden lil min hu koncernat joffri xi tip ta' rimedju lir-rikorrenti. Ghal dan il-ghan, u ghal dak spjegat iktar 'il fuq, it-Tribunal jordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali u lill-Ministru ghall-Finanzi.**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, it-Tribunal jirrevoka d-decizoni tal-Bord datata 28 ta' Lulju 2017 in kwantu l-applikazzjoni taghha giet rifjutata abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 filwaqt li jikkonfermaha in kwantu giet rifjutata abbazi tar-Regolament 4 (3) (e) tal-istess Legislazzjoni u ghaldaqstant tichad l-appell.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

___________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**

**Notifika:**

(1) Onorevoli Ministru Ian Borg
Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura
Triq Francesco Buonamici,
Floriana

(2) Onorevoli Ministru Edward Scicluna
Ministeru ghall-Finanzi
Maison Demandols VLT 1102, Triq In-Nofsinhar, Il-Belt Valletta